# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 1 ta' Diċembru, 2021.**

**Numru 19**

**Rikors numru 115/20/1 FDP**

**Francois Zammit**

**v.**

**Kummissjoni Dwar is-Servizz Pubbliku, Avukat tal-Istat, Onorevoli Prim Ministru**

1. Fl-1 ta' Lulju, 2020, l-attur ippreżenta kawża kostituzzjonali fejn ilmenta li meta ttieħditlu stqarrija mill-pulizija waqt investigazzjoni li eventwalment wasslet għall-proċeduri kriminali kontrih, ma kienx assistit minn avukat. Ilment ieħor hu li tkeċċa mis-servizz pubbliku mingħajr ma ngħata l-opportunita` li jinstema' mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u jressaq il-kaz tiegħu.

2. Il-fatti prinċpali huma dawn:

i. L-attur kien għamel madwar tnax-il sena kuntistabbli fil-korp tal-pulizija.

ii. Fis-sena 2007 tressaq il-Qorti u kien akkużat b'falsifikazzjoni, li għamel qligħ għad-detriment tal-Gvern ta' Malta, u għamel dikjarazzjoni falza apparti li wettaq reat li bħala uffiċjal pubbliku kellu d-dmir li jiżgura li ma jsirx. Il-każ kien jitratta dwar ħlas li rċieva għal ħinijiet ta' xogħol li m'għamilx. Filwaqt li f'dokumenti li kien jimla l-attur kien jiddikjara ġranet u ħinijiet li kien xogħol, mir-roster tax-xogħol li kien joħroġ mill-uffiċċju kien jirriżulta li kien ikun frank, jew bil-*leave* jew jinzerta xogħol f'ħinijiet li għalihom ma jkunx intitolat għall-ħlas żejjed.

iii. B'sentenza tas-26 ta' Marzu, 2008, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabitu ħati li b'qerq għamel qligħ bi ħsara lill-Gvern ta' Malta, xjentement għamel dikjarazzjoni falza f'dokument maħsub għall-awtorita` pubblika, u sar ħati ta' reat li bħala uffiċjal pubbliku kellu d-dmir li jimpedixxi. Il-Qorti kkundannatu għal 10 xhur priġunerija sospiżi għal sena u ordnat l-interdizzjoni perpetwa u ġenerali tiegħu.

iv. L-attur appella u b'sentenza tas-17 ta' Settembru, 2008, il-Qorti tal-Appell Kriminali ċaħdet l-appell u kkonfermat is-sentenza tal-ewwel Qorti.

v. Fit-23 ta' Ottubru, 2008, il-Kummissarju tal-Pulizija bagħat ittra lill-attur fejn infurmah li kien tkeċċa u l-impieg tiegħu kien terminat b'seħħ mit-22 ta' Ottubru, 2008, wara li l-Prim Ministru approva r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar Servizz Pubbliku għat-tkeċċija.

vi. B'ittra legali datata 12 ta' Novembru, 2008, l-attur ilmenta mal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku għaliex qatt ma kien ġie nfurmat li ser jittieħdu passi ta' dixxiplina kontrih. F'dan ir-rigward għamel referenza għal-Leġislazzjoni Sussidjarja r-Regolamenti tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

vii. B'ittra tas-26 ta' Diċembru, 2008, il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku nfurmat lill-attur li ma kinitx f'pożizzjoni li tagħmel rikonsiderazzjoni tal-proċedura addottata.

3. Fl-1 ta' Lulju, 2020, l-attur ippreżenta l-kawża kostituzzjonali u talab lill-Qorti sabiex:

> *"1.Tiddikjara illi ġie leż id-dritt fundamentali għal smiegħ xieraq hekk kif stipulat hekk kif protett bl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem;*
> *2.Tiddikjara illi ġie leż id-dritt fundamentali għal smiegħ xieraq u dan stante li r-rikorrent ma ngħatax id-dritt li jiġi interrogat fil-preżenza ta' avukat;*
>
> *3.Tagħti dawk ir-rimedji kollha xierqa u opportuni sabiex jiġi indirizzat dan il-ksur inkluż illi r-rakkomandazzjoni u t-tkeċċija fil-konfront tal-esponent jiġu ddikjarati nulli u bla effett u għaldaqstant l-esponent jiġi mqiegħed fi status quo ante."*

4. Bi tweġiba preżentata fl-24 ta' Lulju, 2020, il-konvenuti kkontestaw li kien hemm ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, kemm fil-proċeduri kriminali wkoll meta l-attur tkeċċa mill-impieg.

5. B'sentenza tat-3 ta' Ġunju, 2021, l-ewwel Qorti ċaħdet it-talbiet tal-attur, b'dan li l-ispejjeż tal-kawża jkunu a karigu tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

6. Fit-23 ta' Ġunju, 2021, l-attur appella mis-sentenza filwaqt li fis-7 ta' Lulju, 2021, il-konvenuti wieġbu u taw ir-raġunijiet għalfejn l-appell għandu jkun miċħud.

**<u>L-ewwel aggravju – assistenza ta' avukat waqt interrogazzjoni li saret mill-pulizija</u>**.

7. L-ewwel Qorti għamlet dawn il-konsiderazzjonijiet:

*"41. Il-Qorti tosserva li, fil-każ in eżami, ir-rikorrent, bl-ebda mod ma wera kif il-proċeduri kriminali fil-konfront tiegħu setgħu ġew ippreġudikati peress illi ma ressaq ebda prova li turi li naqaslu xi wieħed minn dawn l-elementi msemmija u elenkati hawn fuq. Illi t-test tal-'overall fairness' huwa test sodisfatt fis-sistema tagħna.*

*42. Il-Qorti tirrileva li nonostante l-ilment tar-rikorrent, dwar in-nuqqas ta' assistenza ta' avukat waqt l-interrogazzjoni, ma jirriżulta minn imkien fl-atti li r-rikorrent ġie mhedded jew imqarraq waqt l-interrogazzjoni. Di piu`, lanqas jirriżulta li kien taħt pressjoni meta kien interrogat. Minbarra hekk jirriżulta li, dak deċiż mill-Qorti tal-Maġistrati (Ġudikatura Kriminali) ġie sussegwentement ikkonfermat mill-Qorti tal-Appell Kriminali u ma nġiebet ebda prova li turi li deċiżjoni kienet ibbażata unikament fuq l-istqarrija tar-rikorrent – di fatti, ebda kopja tad-deċiżjonijiet fuq imsemmija ma ġiet ippreżentata lil dina l-Qorti!*

*43. Il-Qorti wisq tibża illi r-rikorrent ressaq dana ilment in linea mal-prassi illi reċntement donnha ħakmet l-ambjent tal-kawżi kriminali fejn, b'regola ġenerali, wara li persuna jinstab ħati ta' reat kriminali, jitmexxew proċeduri Kostituzzjonali dwar nuqqas ta' dritt ta' avukat bit-tama illi d-deċiżjoni tal-Qrati Maltin jiġu mxekkla u mħassra.*

*44. Għaldaqstant, fuq dan l-ewwel ilment tar-rikorrent, il-Qorti tqis li l-ilment tar-rikorrent dwar in-nuqqas ta' assistenza waqt l-interrogatorju, mhuwiex kopert bil-protezzjoni mogħtija mill-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea".*

8. Fl-aggravju l-attur reġa' lmenta li meta l-pulizija interrogawh qabel tressaq il-qorti, ma kienx assisti minn avukat. Isostni li:

*"Illi l-ewwel Qorti pero ma ħaditx in konsiderazzjoni il-fatt li l-Avviż Legali 35 tal-2010, il-Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern stabbilixxa l-10 ta' Frar 2010 bħala d-data meta d-disposizzjonijiet tal-artikoli 355AT u 355AU li hemm fl-artikolu 74 tal-Att III tal-2002 li jemenda l-Kodiċi Kriminali, kellhom jidħlu fis-seħħ. Għalhekk meta ġie interrogat l-esponent fis-sena 2007 ma kien hemm l-ebda qafas leġislattiv li fil-fatt kien jirregola l-eċċezzjonijiet o meno għar-regola li l-persuna interrogata irid ikollha aċċess għall-avukat. L-ewwel Qorti ma kellhiex l-opportunita' tevalwa jekk il-fatt li l-esponent ma kellux aċċċess għall-avukat kien ġustifikat o meno għaliex ma kinux jeżistu l-liġijiet li jirregolaw tali eċċezzjoni".*

9. Madankollu kif tajjeb osservaw il-konvenuti, m'hemmx prova li dak in-nuqqas kien b'xi mod ippreġudika l-jedd tad-difiża tal-attur. Il-fatt

waħdu li waqt l-interrogazzjoni qal li ma kienx assistit minn avukat, ma jwassalx għal ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq. Mis-sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali u l-Qorti tal-Appell Kriminali hu evidenti li l-istqarrija ma kinitx l-uniku prova. Fl-atti m'hemmx kopja tal-istqarrija li qal li ta lill-pulizija. Madankollu mis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali hu evidenti li m'ammettiex. Il-provi jinkludu dokumenti li l-attur stess kien jimla u juru diskrepanza ċara mar-roster li fih hemm il-ġranet u ħinijiet li kellu jaħdem. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali għamlet apprezzament tal-provi li tressqu quddiemha u m'aċċettatx li d-diskrepanza bejn id-dokumenti differenti kien minħabba żball ġenwin kif sostna l-attur. Dik il-Qorti għamlet ukoll referenza għall-*year planner* li l-attur stess kien ippreżenta, u osservat kemm l-attur kien preċiż u metikoluż fit-tagħrif li kien iniżżel fih il-ġranet meta kien ikun xogħol, meta ma jkunx xogħol u l-*leave*. Fid-dokument kien iniżżel ukoll il-ġranet u sigħat li għalihom kien intitolat ħlas żejjed. Għalhekk evidenti li s-sejbien ta' ħtija ma kinitx bażata fuq xi konfessjoni fi stqarrija li l-akkużat ikun ta lill-pulizija qabel jitressaq il-qorti. F'dan il-każ kien hemm provi ċari li m'għandhom x'jaqsmu xejn mal-istqarrija, li kkonvinċew lill-Qorti li l-prosekuzzjoni ppruvat il-każ. Sentenza li ġiet mistħarrġa mill-Qorti tal-Appell Kriminali li min-naħa tagħha ma sabet xejn ħażin fl-apprezzament tal-provi li għamlet l-ewwel Qorti.

**<u>It-tieni aggravju – nuqqas ta' smigħ quddiem il-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku qabel it-tkeċċija mill-impieg.</u>**

10. Il-konsiderazzjonijiet tal-ewwel Qorti kienu hekk:

> *"45. Ir-rikorrent sostna li huwa sofra leżjoni tad-drittijiet fondamentali ai termini tal-Artkolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea meta l-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku irrakkomandat li hu jitkeċċa mill-Korp tal-Pulizija u ma tħalliex jagħmel is-sottomissjonijiet tiegħu dwar dan.*
>
> *46. Minn naħa l-oħra, l-intimati sostnew fis-sottomissjonijiet, li r-rikorrent ġie mgħarraf bid-deċiżjoni li jitkeċċa mill-Korp tal-Pulizija għalkemm huwa qed jilmenta li ma ġiex mgħarraf bid-deċiżjoni. Inoltre`, ġie sottomess li r-rikorrent mhux biss instab ħati ta' reat Kriminali iżda ġiet imposta fuqu interdizzjoni ġenerali u perpetwa a tenur tal-Artikolu 190 tal-Kap 9 permezz tas-sentenza tal-Qorti, liema interdizzjoni tiskwalifika lill-individwu minn kariga ta' impjieg pubbliku.*
>
> *47. Il-Qorti tibda biex tosserva li mhuwiex bl-ebda mod ikkontestat, li r-rikorrent, bħala persuna illi kien inkarigat jassikura li ma jseħħux reati, instab ħati ta' reat Kriminali permezz ta' deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Ġudikatura Kriminali) deċiża fis-26 ta' Marzu 2008, fejn ir-rikorrent ġie kkundannat għal perjodu ta' għaxar xhur priġunerija sospiżi għal sena u ġiet ukoll ordnata l-interdizzjoni perpetwa u ġenerali tar-rikorrent. Dan il-każ ġie kkonfermat fl-intier mid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell fis-17 ta' Settembru 2008.*
>
> *48.Il-Qorti tqis illi tajjeb li jiġi puntwalizzat li l-**Artikolu 190 tal-Kap 9** jistipula:*
>
> > *"Fid-delitti kollha ta' falsifikazzjoni magħmulin minn uffiċjali jew impjegati pubbliċi, il-piena tal-interdizzjoni ġenerali perpetwa għandha dejjem tiżdied mal-piena stabbilita għad-delitt."*
>
> *49. Din il-Qorti tosserva, li in segwitu għad-deċiżjoni tal-Qorti, r-rikorrent kellu a disposizzjoni tiegħu rimedju għal appell u reviżjoni tal-piena tal-interdizzjoni perpetwa, u dana a tenur tal-**Artikolu 10(6) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta** li tgħid:*
>
> > *"(6) L-interdizzjoni, sew jekk perpetwa jew temporanja, tista' fuq ir-rikors tal-persuna ikkundannata għal dik il-piena u meta jidher li hemm raġunijiet tajba għas-sodisfazzjon tal-Qorti li tkun tat is-sentenza, tieqaf f'kull żmien li jkun b'ordni tal-imsemmija Qorti."*

*50. Ir-rikorrent seta' jipproċedi biex jikkontesta l-interdizzjoni ordnata – huwa naqas milli jagħmel dan!*

*51.Din il-Qorti setgħet faċilment tieqaf hawn. Madanakollu, din il-Qorti tqis illi xorta għandha tindaga dwar l-ilment Kostituzzjonali tar-rikorrent fil-każ odjern peress illi minkejja li r-rikorrent ma eżawriex ir-rimedji kollha lilu mogħtija, din il-Qorti tkun qiegħda tonqos jekk ma tesplorax il-lanjanza Kostituzzjonali mressqa mir-rikorrent f'dan il-każ.*

*52.Din il-Qorti tibda billi tissottolinea li għar-reat addebitat lir-rikorrent, u għall-piena li ngħata, ma kienx hemm għażla oħra lill-Qorti li ddeċidiet il-każ ħlief li tagħti lir-rikorrent l-interdizzjoni perpetwa.*

*53.Jiġi osservat li għal dak li jirrigwarda impjieg, l-interdizzjoni perpetwa toħloq skwalifika fuq kull kariga jew impjieg pubbliku bir-riżultat illi persuna interdetta ma tkunx tista' jkollha aktar impjieg fis-settur pubbliku. Dik hija konsegwenza diretta tal-interdizzjoni perpetwa u ġenerali. Għalhekk, l-ilment tar-rikorrent irid jitqies minn din l-ottika.*

*54.Jirriżulta li, fil-każ odjern, ir-rikorrent irċieva ittra datata 23 ta' Ottubru 2008, fejn ġie infurmat mill-Kummissarju tal-Pulizija, li huwa ġie mkeċċi u tterminat mill-impjieg b'effett mit-22 ta' Ottubru 2008. Dan jidher li sar in segwitu tas-sentenza u bl-approvazzjoni tal-Prim Ministru wara li hekk ġie rrakkomandat mill-Kummissjoni Dwar is-Servizz Pubbliku.*

*55.Jirriżulta illi, sussegwentement, fit-12 ta' Novembru 2008, ir-rikorrent intavola appell a tenur tar-regolament numru 30 (1) (b) u (c) sabiex id-deċiżjoni tal-Kummissjoni tiġi ddikkjarata nulla u bla effett (Dok FZ2).*

*56.Jirriżulta illi b'ittra datata 26 ta' Diċembru 2008, il-Kummissjoni infurmat lir-rikorrent li mhijiex f'posizzjoni li tirrikonsidra l-proċedura li ttieħdet fil-konfront tar-rikorrent. (Dok FZ4).*

*57.Jidher illi huwa proprju konsegwenza ta' din l-ittra tas-26 ta' Diċembru 2008 illi r-rikorrent qed jilmenta li ġew leżi d-drittijiet tiegħu għal smiegħ xieraq peress illi jikkontendi li l-Kummissjoni ma żammitx mar-regolamenti fil-Leġislazzjoni Sussidjarja Kost 03 Regolamenti dwar is-Servizz Pubbliku.*

*58.L-ilment tar-rikorrent huwa prinċipalment ippernjat fuq dan u fuq dak li jingħad fir-Regolament 15(2) li dak iż-żmien kien Regolament 16, tar-Regolamenti ta' Proċedura u Dixxiplina tal-Kummissjoni Dwar is-Servizz Pubbliku (Leġislazzjoni Sussidjarja Kost.03). Dan l-artikolu jipprovdi:*

> *"......jekk il-Kummissjoni tqis li l-piena xierqa wara l-kundanna ta' ħtija ta' akkuża kriminali tkun waħda ta' tkeċċija.....hija għandha tgħarraf lill-uffiċċjal bid-dritt tiegħu li jagħmel sottomissjonijiet bil-miktub lill-Kummissjoni fi żmien għaxart ijiem minn meta jiġi mgħarraf u l-Kummissjoni għandha tikkonsidra dawn is-sottomissjonijiet.....qabel ma tgħaddi biex tagħmel ir-rakkomandazzjonijiet tagħha lill-Prim Ministru."*

*59.Il-Qorti tosserva illi dan ir-regolament huwa ċar u ma jħallix ebda lok għal interpretazzjoni jew dubju. Il-Kummissjoni kellha l-obbligu, skont dan ir-Regolament, li tgħarraf lill-uffiċċjal bid-dritt tiegħu li jagħmel is-sottomissjonijiet fi żmien għaxart ijiem minn meta ġie mgħarraf, qabel ma tagħmel rakkomandazzjoni lill-Prim Ministru għat-tkeċċija tal-uffiċjal.*

*60.Jidher ċar, mill-provi, li din l-opportunita` sabiex ir-rikorrent jagħmel is-sottomissjonijiet tiegħu qabel l-ittra tat-tkeċċija, ma ngħatax lilu. Dan jinsab ikkonfermat ukoll fix-xhieda tal-Compliance Office Natasha Magro li kkonfermat li din il-proċedura tas-sottomissjonijiet ma ġietx segwita f'dan il-każ.*

*61.Il-Qorti hawnhekk tqis illi għandu jiġi puntwalizzat li dak li qed tissindika din il-Qorti huwa jekk kienx hemm ksur ta' dritt ta' smiegħ xieraq a tenur tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, kif vantat mir-rikorrent.*

*62.Huwa minnu li jeżisti nuqqas da parti tal-Kummissjoni Dwar is-Servizz Pubbliku, fejn inqabeż pass fil-proċedura billi r-rikorrent ma ngħatax terminu ta' żmien ta' għaxart ijiem kif stipulat sabiex iressaq is-sottomissjonijiet tiegħu qabel ma rċieva l-ittra tat-tkeċċija mill-impjieg tiegħu.*

*63.Madankollu, meta wieħed jeżamina ċ-ċirkostanzi u r-riżultanzi fattwali kronoloġikament, jirriżulta li r-rikorrent ingħata sentenza ta' piena u ta' interdizzjoni b'deċiżjoni tal-Qorti li ġiet ikkonfermata fl-istadju tal-Appell u għalhekk, irrispettivament minn dak illi setgħet taħseb jew tikkunsidra l-Kummissjoni u irrispettivament minn kull sottomissjoni illi seta' jagħmel r-rikorrent, huwa kien prekluż milli jkollu kariga pubblika riżultat tas-sentenzi tal-Qorti, w il-kariga ta' Kuntistabbli hija dik ta' Uffiċċjal Pubbliku.*

*64.Ir-rikorrent seta' jipproċedi biex iwaqqaf l-interdizzjoni ordnata, a tenur tal-Artikolu 10(6) tal-Kap 9, ħaġa illi huwa ma għamilx.*

*65.Il-Qorti tirrileva li, fil-proċeduri odjerni, il-Qorti qiegħda tintalab mhux sabiex tevalwa u tiddeċiedi dwar jekk sarx żball amministrattiv da' parte tal-Kummissjoni intimata, li jidher li attwalment sar, iżda qiegħda tintalab li tiddeċiedi jekk ġiex leż dritt fundamentali tar-rikorrent riżultat ta' tali żball amministrattiv.*

*66.Madanakollu, abbażi ta' dawn il-fatti u ċirkustanzi kif fuq indikati, il-Qorti ma tistax tasal għall-konklużjoni li n-nuqqas da parti tal-Kummissjoni tipprekludi d-dritt ta' smiegħ xieraq tar-rikorrent. F'każ li r-rikorrent għamel is-sottomissjonijiet tiegħu lill-Kummissjoni, l-eżitu aħħari kien ser iwassal għall-istess konklużjoni, ossija għar-rakkomandazzjoni lill-Prim Ministru sabiex l-impjieg tar-rikorrent mas-settur pubbliku jiġi tterminat, għaliex dan l-eżitu huwa determinat bil-liġi*

*– il-Kummissjoni w il-Prim Ministru ma' kellhom ebda għażla oħra, għax il-Qrati kienu ħarġu l-ordni tagħhom li għandha tiġi rispettata minn kullħadd!*

*67.Għalhekk, għalkemm jirriżulta li kien hemm nuqqas fil-proċedura adoperata mill-Kummissjoni, billi tħalla barra l-istadju fejn ir-rikorrent seta' jagħmel is-sottomissjonijiet tiegħu bil-miktub qabel toħroġ l-ittra tat-terminazzjoni tal-impjieg tiegħu, tali sottomissjonijiet xorta ma kien ser ikollhom ebda eżitu favorevoli għar-rikorrent fid-dawl tal-interdizzjoni perpetwa u ġenerali ordnata lir-rikorrent, fejn ma kenitx teżisti triq oħra għall-Kummissjoni Dwar is-Servizz Pubbliku, ħlief li tagħmel ir-rakkomandazzjoni tagħha lill-Prim Ministru, kif fil-fatt għamlet, sabiex l-impjieg tar-rikorrent fil-Korp tal-Pulizija jiġi tterminat.*

*68.In vista tas-suespost, u għall-motivi spjegati, ma jirriżultax li hemm ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent, la taħt l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u lanqas taħt l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni".*

11. L-attur ilmenta li huwa ma tħalliex jagħmel l-ebda sottomissjoni quddiem il-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku. Kompla li l-ewwel Qorti stess għarfet li kien hemm nuqqas proċedurali da parti tal-Kummissjoni peress li m'osservatx dak li jipprovdi regolament 15(2) tar-Regolamenti ta' Proċedura u Dixxiplina tal-Kummissjoni Dwar is-Servizz Pubbliku (Leġislazzjoni Sussidjarja Kost. 03) li jipprovdi:

*"Iżda jekk il-Kummissjoni tqis li l-piena xierqa wara l-kundanna ta' ħtija ta' akkuża kriminali tkun waħda ta' tkeċċija ...... hija għandha tgħarraf lill-uffiċjal bid-dritt tiegħu li jagħmel sottomissjonijiet bil-miktub lill-Kummissjoni fi żmien għaxart ijiem minn meta jiġi mgħarraf u l-Kummissjoni għandha tikkonsidra dawn is-sottomissjonijiet u tista' wkoll tagħti lill-uffiċjal l-opportunita' ta' smigħ f'seduta qabel ma tgħaddi biex tagħmel ir-rakkomandazzjoni tagħha lill-Prim Ministru".*

12. L-attur kompla:

*"Illi in oltre jingħad li l-każ Van Orshoven v Belgium (25 ta' Ġunju 1997) kien jikkonċerna tabib mediku involut fi proċeduri dixxiplinari. Ir-rikorrent appella kontra deċiżjoni li jitneħħa mir-reġistru mediku, iżda l-qorti ċaħdet l-appell. Huwa ilmenta li fl-ebda stadju tal-proċeduri quddiem il-*

*oqrti tal-appell ma kien tħalla jwieġeb għas-sottomissjonijiet tal-prokuratur ġenerali, u dawn ma ġewx ikkomunikati lilu. Il-Qorti Ewropeja ddeċidiet li kien impossibbli għal Van Orshoven li jwieġeb għas-sottomissjonijiet finali u dan kien ksur tad-dritt tiegħu għal adverserial proceedings. Dan id-dritt, saħqet il-Qorti, kienet tfisser l-opportunita' għaż-żewġ partijiet għal prova biex ikun jaf u jikkummenta dwar l-evidenza kollha mressqa jew l-osservazzjonijiet ippreżentati. Għaldaqstant, kien hemm ksur tal-artikolu 6(1).*

*Illi in oltre, jiġi osservat illi permezz ta' digriet tas-27 ta' Settembru 2013 mogħti mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali (kopja tiegħu hawn anness u mmarkat Dok. FZ1), fuq talba tal-appellant sabiex tiġi revokata l-interdizzjoni mogħtija bis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati u konfermata mill-istess Qorti tal-Appell Kriminali, in kwistjoni, kienet ġiet revokata dik l-interdizzjoni, liema talba, l-appellanti seta' possibilment għamel pendenti l-proċeduri quddiem l-Kummissjoni appellata, sabiex iwaqqaf dawk il-proċeduri u li fil-fatt ma setax jagħmel għax ma ingħatax il-possibilta', nonche d-dritt li mqar jidher quddiem l-istess Kummissjoni appellata u jagħmel is-sottomissjonijiet tiegħu".*

13. Pero` dan ma kienx każ li l-Kummissjoni timponi piena fuq l-attur. Fis-sentenza tas-26 ta' Marzu, 2008, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali mponiet interdizzjoni perpetwa ġenerali. Skont l-Art. 10(2) tal-Kodiċi Kriminali (Kap. 9), dik it-tip ta' interdizzjoni *"... tiskwalifika lill-ikkundannat għal kull kariga jew impieg pubbliku, in ġenerali"*. Għalhekk l-attur li kien impjegat bħala kuntistabbli fil-korp tal-pulizija, b'liġi ma setax ikompli f'dak l-impieg pubbliku. Il-liġi hi ċara ħafna. Is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ġiet konfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali u għalhekk hemm ġudikat. Is-smigħ quddiem il-Kummissjoni ma kien ser jagħmel l-ebda differenza għaliex f'dan ir-rigward il-liġi hi tassattiva u l-Kummissjoni m'għandha l-ebda diskrezzjoni jekk l-impjegat jinżammx jew le fl-impieg pubbliku. Dan ma kienx każ li wara s-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell Kriminali kellhom jittieħdu proċeduri ta' dixxiplina kontra l-attur ġialadarba

hi l-liġi stess li tipprovdi għall-iskwalifika mill-impjieg pubbliku. F’dan ir-rigward xehdet ukoll Natasha Magro, *compliance officer* tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku li kkonfermat li d-deċiżjoni tat-terminazzjoni tal-impjieg kienet proprju minħabba l-interdizzjoni ġenerali perpetwa. In vista ta’ dak li tipprovdi l-liġi f’każ ta’ interdizzjoni ġenerali perpetwa, il-Kummissjoni m’għandha l-ebda diskrezzjoni f’ċirkostanzi bħal dawn u l-attur ma setax jinżamm fl-impieg. Fir-rikors tal-appell ma sar l-ebda argument li jista’ jikkonvinċi lil din il-Qorti mod ieħor.

14. Ir-referenza għas-sentenza **Van Orshoven v. Belgium** (numru 95/1995/601/689) mhijiex flokha għaliex il-fatti ta’ dak il-każ huma totalment differenti minn dawk tal-każ in eżami.

15. Imbagħad b’referenza għall-argument li l-interdizzjoni tneħħiet b’digriet tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-27 ta’ Settembru, 2013, din il-Qorti tosserva li:

i. Quddiem l-ewwel Qorti ma saritx dik il-prova;

ii. Mhux magħruf x’wassal biex il-Qorti tal-Appell Kriminali tneħħi l-interdizzjoni perpetwa. Prova ta’ dan m’hemmx fl-atti;

iii. Is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali ngħatat fis-17 ta' Settembru, 2008, u l-attur kien ġie avżat li tkeċċa mill-impieg b'ittra datata 23 ta' Ottubru, 2008, li bagħat il-Kummissarju tal-Pulizija. Jidher li kien biss lejn l-aħħar ta' Settembru 2013 li l-attur talab li l-interdizzjoni ġenerali u perpetwa titneħħilu, ċioe` ħames snin wara li s-sentenza saret *res judicata*. Li l-attur igħid li seta' jitlob li titneħħa l-interdizzjoni waqt il-proċeduri ta' dixxiplina quddiem il-Kummissjoni kieku sar proċess ta' dixxiplina, hi biss spekulazzjoni. M'hemm l-ebda garanzija li kieku t-talba saret f'dak iż-żmien, kienet ser tintlaqa'. Anzi x'aktarx li l-interdizzjoni ġenerali ma kinitx ser titneħħa xahar wara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali. Dan apparti li l-attur stess ħalla ħames snin jgħaddu qabel għamel talba bħal dik.

Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjeż kollha kontra l-attur.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da